*-stħarriġ t'egħmil amministrattiv*

*-rimedju alternattiv*

*-applikabilita` tal-Art.469A Kap 12 għal ksur ta' jeddijiet fundamentali*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA**

**Rik. Ġur. Nru. 529/2018GM**

**Miqna Webkoor Ltd**

**Vs**

**Dr David Pollina għall kull interess li jista jkollu**

**Transport Malta**

Illum, 16 t'April 2019

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fil-25 ta' Mejju 2018 fejn ir-rikorrenti espona illi huwa ċittadin Taljan li bħalissa qed jaħdem Malta u li huwa residenti f'Malta għall-finijiet ta' xogħol imma b'rabtiet personali ġewwa l-italja. Huwa d-sirettur maniġerjali tas-soċjeta rikorrento Miqna Webkoor Ltd, kumpanija Ċiprijotta.

Illi Miqna Webkoor Ltd hija is-sid tal-vettura Land rover freelander bin-numru ta' reġistrazzjoni DL 193AX li hija reġistrta ġewwa l-italja. Illi Dr

Pollina talab kjarifika dwar l-ezenzjoni misjuba f'Artilolu 18(1) a fil-kap 368 l-Att dwar ir-Registrazzjoni u r-Registrar ta' Vetturi bil-Mutur, fost l-oħrajn.

Illi meta kkorissponda fuq hekk ma Transport Malta Dr Chris Cilia f'isem Transport Malta ta' risposta definitiva fejn sostna li – *it is Authority's final position* – permezz ta' ittra ġġib id-data tal-25 ta' Novembru 2017 fejn ġie dikjarat li l-ezenjoni msemmija ma tapplikax fil-konfront tar-rikorrenti.

**Illi ir-rikors qed jitressaq ai termini tal-Artiklu 469A tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, billi l-esonent qed isostni li huwa ezenti milli jħallas taxxa tar-Reġistrazzjoni għaliex l-ezenjoniiet applikabbli skond l-Artikolu 18 japplikaw fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz tiegħu u konsegwentement il-posizzjoni ta' Transport Malta hija skorretta mta Dr Cilia f'isimha għarraf lir-rikorrenti illi id-deċizjoni li kienet ittieħdet kienet legali u korretta u li għalhekk il-posizzjoni finali hija li t-taxxa ta' reġistrazzjoni hija dovuta skont dak indikat fl-istess ittra. Dr Cilia kien ikkonferma li l-posizzjoni ta' Transport malta hija dik indikata fl-ittra datata l-25 ta' Noembru 2017 u din hija finali.

Illi Dr Pollina, f'isem is-soċjeta' rikorrenti, ċċekkja fuq is-sit ta' Transport Malta kemm tkun it-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta hija ta' disat elef tlett mija u sebgħa u erbgħin euro (Euro 9347) filwaqt li l-valur attwali tal-vettura huwa ċirka sitt elef tlett mija u għoxrin euro. Illi tali taxxa għalhekk hija sprporzjonata meta wieħed iqis l-valur tal-vettura huwa inqas mit-taxxa li tista tkun dovuta, apparti mil-fatt li tali taxxa tmur kontra d-dritt Komunitarju għax tmur kontra l-prinċipju tal-free movements of goods and services hekk kif sanċit fit-Trattati Ewropej u kif mħares mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropeja ta'

Lussemburgu. Barra minn hekk dan imur kontra d-dritt tal-proprjeta' kif sancit fil-Kostituzzjoni ta' Malta fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Illi l-esponenti sostnu illi, kif ser jiġi muri f'aktar dettall fil-mori tal-kawza, l-imsemmija ordni u rifjut tal-applikazzjoni tal-ezenzjoni huwa illegali billi, bħala egħmil amministrattiv, tagħli rifjut jikser l-Kostituzzjoni; kif wkoll għax l-awtorita' intimata naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob umilment li prevja, kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li r-rifjut min-naħa ta' Transport Malta li taċċetta s-sottomissjoni tal-esponenti illi mhijiex dovuta t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura Land Rover Freelander bin-numru ta' Registrazzjoni DL 193AX peress illi, fi-fehma tar-rikorrenti, tapplika l-ezenzjoni taħt l-Artikolu 18 tal-kap 368 tal-Liġijiet taġ Malta jmur kontra dak li tipprovdi l-liġi billi tali interpretazzjoi tikser l-Kostituzzjoni; kif wkoll għax l-awtorita itimata naqset milli tosserva l-prinċipi tal-ġustizzja naturali u l-egħil amministrattiv li segwiet jikkostitwixxi abbuz tas-setgħa tal-awtorita pubblika u kontra l-liġi 0artikolu 469A 1(a)(b)(ii)(iii)(iv) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara li t-tabba ta' reġistrazzjoni mhijiex dovuta fuq l-imsemmija vettura stante illi diġa tħallset taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha (ġewwa l-Italja, stat membru tal-Unjoni Ewropeja) u, fi kwalunkwe kaz, wkoll stante li l-ammont talvolta dovut huwa sproporzjonat in vista ta-fatt li tali taxxa dovuta hija ħafna aktar għolja mill-valur attwali tal-vettura in kwistjoni u għaldaqstant

tmur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, meta fid-deliberazzjonijiet tagħha, l-Awtorita tat-Trasport f'Malta kkonkludiet li tali taxxa hija dovuta;

3. Tiddikjara li tali taxxa tikser id-dritt ta' pussess ta' proprjeta tar-rikorrenti mill-godiment ħieles tiegħu kif sanċit fil-Kostituzzjoni ta' Malta u mit-trattati tal-Unjoni Ewropeja.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li ġiet inġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-intimata Transport Malta fejn esponiet:

1. Illi ir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat promotur minnhom ipprezentat jiddikjaraw espressament li l-kawza minnhom intavolata hija msejsa fuq l-Artikolu 469A tal-kap12. L-istess rikorrenti espressament jiddikjaraw li huma qegħdin jikkontestaw l-egħmil amministrattiv tal-Awtorita rispndenti konsistenti fir-rifjut li tingħata ezenzjoni mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni relattivament għall-vettura bit-targa ta' reġistrazzjoni estera DL 193AX a tenur tal-Artikoolu 18(1)(a) tal-kap 368, liema rifjut ġie formalmet notifikat b'mod definittiv lir-rikorrenti permezz tal-ittra datata 25 ta' Novembru 2017. **Konsegwentement ir-Rikors Ġuramentat romotur gie palezament pprezentat fuori termini u huwa affett mill-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur stipulat fis-subartikolu 93) tal-artikolu 469A tal-kap 12.**

   Konsegwentement ir-Rikors Ġurament promotur huwa irritwali, null u bla ebda effett għaliex prezentat tardivament in vjolazzjoni ta' dispost espress tal-liġi u għandu jiġi sommarjament miċħud bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju. Il-kawza odjerna l-

anqas mhi proċedura idonea biex tiġi kontestata d-deċizjoni tal-Awtorita' rispondenti għaliex il-liġi tistabbilixxi rimedju speċifiku ta' appell minn deċizjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tant li l-Artikolu 40(1)(a) tal-Att dwar it-Trasport f'malta izda r-rikorrenti naqsu milli jirrikorru ghal tali rimedju izda minflok għazlu illi jirrikorru tardivament għall-ftuħ tal-kawza odjerna. Konsegwentement il-kawza odjerna prezentata mir-rikorrenti giet prezentata bl-vjolazzjoni manifesta tal-provedimenti tas-sub-artikolu (4) tal-artikolu 469a tal-kap 12.

Illi għalhekk għal din ir-raġuni wkoll ir-Rikors Ġuramentat huwa irritwali, null u bla ebda effett.

3. Illi fil-mertu u sussidjarjament u certament li mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dirtt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez stante li kuntrarjament għal dak li qed jallegaw ir-rikorrenti, l-Awtorita rispondenti ma wettqet ebda egħmil amministrattiv li jmur kontra l-Kostituzzjoni u/jew kontra l-liġi u/jew li jikser il-prinċipji tal-ġutizzja naturali u/jew li jikkostitwixxi abbuz tas-setgħa amministrattiva. Għall-kuntrarjum, l-Awtorita' rispondenti m'għamlet xejn għajr li applikat il-liġi b'mod korrett u mhux bil-mod manipulattiv, skorret u qarrieq illi r-rikorrenti ppretendew li kellu jiġi applikat sabiex jevadu l-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni.

4. Illi fil-mertu l-provedimenti tal-artikolu 18(1)(a) tal-kap 368 sabiex tingħata ezenzjoni mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni ma japplikawx fil-kaz odjern u r-rikorrenti mhumiex intitolati għal tali ezenzjoni minnhom invokata u dan għar-raġunijiet segwenti:

   a. Ir-rikorrent Dr David Pollina, li huwa l-kap ezekuttiv ta' Pontsys Ltd, kumpnaija reġistrata f'pajjizna bin-numru ta' reġistrazzjoni C57717 u bl-indirizz reġistrat Refidim, Triq il-

Wardija, Qala Għawdex, għandu r-residenza normali tiegħu f'Malta u għandu wkoll dokument ta' residenza, u għalhekk certament li ma jissodisfax ir-rekwiziti elenkati f'paragrafi (ii) u (iii) tal-artikolu 18(1)(a) tal-kap 368 biex ikun jista jsuq il-vettura in kwistjoni fit-triq f'pajjizna mingħajr il-ħtieġa li din tiġi reġistrata mar-rispondenti Transport Malta u titħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha.

b. L-anqas mhuma applikabbli l-provedimenti ta' f'paragrafu (b) tal-artikolu 18(1) tal-kap 368 għaliex il-vettura in kwistjoni ilha Malta għal izjed minn 12 il-xahar.
c. L-anqas mhuma applikabbli l-provedimenti ta' f'paragrafu (ċ) tal-artikolu 18(1) tal-kap 368 għaliex ir-rikorrent mhuwiex student li ġie jistudja Malta u kjarament l-anqas mhuma applikabbli l-provedimenti tal-paragrafi (d) sa (g) tal-imsemmi artikolu 18(1) tal-kap 368.

5. Illi fir-realta' huwa appplikabbli għall-kaz odjern l-artikolu 2A(1) tal-kap 368.

   Kjarament ir-rikorrenti ma jaqgħux la taħt paragrafu (a) u l-anqas taħt paragrafu (b) u għalhekk huma jew min minnhom jinsabu fid-dmir illi jirreġistraw l-vettura de quo gitur mal-Awtorita' rispondenti u jħallsu it-taxxa ta' reġistrazzjoni relattiva.

   Oltre dan issir referenza wkoll għar-Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02.

   Kif ukoll ghas-subiciz (2) tal-artikolu 2A tal-kap 368.

6. Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-drit u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur Pollina huwa ċittadin Taljan li bħalissa jaħdem u joqgħod Malta u huwa direttur maniġerjali tas-soċjeta` attriċi li hija kumpannija Ciprijotta. Huwa sid ta' Land Rover irreġistrata fl-Italja. Talab eżenzjoni skont Art. 18(1) tal-Kap 368 iżda l-konvenuta Transport Malta irrifjutat billi f'ittra tal-25 ta' Novembru 2017 iddikjarat li l-eżenzjoni mhix applikabbli għalih;

Illi l-attur ma jiċħadx li kellu rimedju kontra d-deċiżjoni amministrattiva msemmija, fil-forma t'appell minn quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u li iżda għażel li ma jeżerċitax dan id-dritt. Jgħid biss li m'għamilx hekk għaliex għamel sforz biex isib soluzzjoni barra mill-Qorti, u li ġie żgwidat mill-Aġenzija Sapport (li mhix parti f'din il-kawża) li ma nfurmatux li l-eżenzjoni (minħabba diżabilita` li għandu ibnu) kienet *capped.* Dawn ir-raġunijiet iżda bl-ebda mod ma jneħħu d-disponibilita` tar-rimedju mogħti bil-liġi lill-attur. Ma kien hemm xejn xi jxekklu milli jipprova jsib rimedju barra mill-Qorti u fl-istess ħin jinterponi l-appell fuq indikat;

Illi barra minn hekk, l-attur isostni li l-appell imsemmi ma kienx ikun rimedju tajjeb biżżejjed, għaliex, għalkemm seta' jpoġġi quddiemu l-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu li ppreżenta quddiem din il-Qorti, ma setax

iressaq ukoll it-tielet talba quddiem it-Tribunal abbażi tal-Art. 469A(1)(a) u ċjoe` li t-taxxa tikser id-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta` tiegħu skont il-Kostituzzjoni. It-tielet talba ssemmi wkoll, barra l-Kostituzzjoni, it-Trattati tal-Unjoni Ewropeja. In-norma in kwistjoni tagħti jedd għal skrutinju ġudizzjarju "meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni" u mhux ukoll meta jikser it-Trattati msemmija u għalhekk mhux applikabbli fir-rigward tat-Trattati. Ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna illi dan l-artiklu normalment ma japplikax għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali – **Christopher Hall v Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali 18.09.2009**, għalkemm kien hemm sentenza oħra qabilha (tal-Prim'Awla) li ddeċidiet bil-kontra. Dan iżda din il-Qorti qed tgħidu *obiter*, billi dak li qiegħed jattakka l-attur mhux l-egħmil amministrattiv, imma t-taxxa jew aħjar il-liġi li permezz tagħha ġiet imposta t-taxxa. L-Art. 469A(1)(a) jagħti rimedju meta egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni (salv ir-riżerva li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali) imma mhux ukoll meta liġi tikser il-Kostituzzjoni;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta u tiddiklina milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi billi hija projbita bl-Artiklu 469A(4) tal-Kap 12 milli tagħmel dan.

Spejjeż a kariku tal-atturi.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA